MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 165/2007

Kawza fil-lista: 13

**A B f'isimha**
**u ghan-nom tal-minuri C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li z-zwieg tal-partijiet sar impossibbli minhabba adulterju, eccessi u sevizji da parti tal-konvenut li inoltre kien jitlaq mid-dar, jsawwat lill-attrici, jhalli lill-attrici u lil binthom minuri fil-bzonn u dahhal lill-familja fid-dejn; illi hemm rapport dwar il-vjolenza kif ukoll l-attrici ottjeniet garanzjia quddiem il-Qrati; illi z-zwieg tkisser ukoll irrimedjabbilment; il-partijiet ghaddew minn proceduri ta' medjazzjoni; hemm tifla minuri li ghandha

dritt ghall-manteniment; ghalhekk qed titlob li l-konvenut jghid ghaliex din Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet ta' adulterju, eccessi sevizji u ingurji gravi u vjolenza imputabbli lill-konvenut;

2. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, u taqsam u tassenja l-istess komunjoni skond il-ligi, wara li kull parti tinghata dak li hu parafernali taghha;

3. Dwar id-dar konjugali, tallokaha lill-attrici bl-eskluzjoni tal-konvenut;

4. Dwar il-manteniment, tiffissa r-retta alimentarja favur l-attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallasha lill-attrici, u tistabilxxi l-modalitajiet tal-hlas tal-istess;

5. Dwar kura u kustodja tal-minuri C, takkordaha lill-attrici, u tiffissa l-modalitajiet tal-access ghall-konvenut;

6. Dwar l-alimenti ghall-minuri tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma li tistabilixxi bil-modalitajiet li jigu impost;

7. Dwar id-dritt successorji tiddikjara lill-partijiet dekaduti minn tali drittijiet reciprokament;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-parti konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut ddikjara li: t-tort tat-tkissir taz-zwieg jirrisjedi kollu fuq l-attrici; li jaqbel li l-komunjoni ghandha tigi xjolta u assenjata; li l-inkwilinat tad-dar matrimonjali huwa parafernali tieghu, u ma

hemmx l-estremi li jirrendu opportuni l-applikazzjoni tal-Artikou 55A favur l-attrici; li m' ghandux ihallas manteniment lil martu, kemm ghax hi hatja tat-tkissir taz-zwieg, kemm ghax hi kapaci tahdem; li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' kongunta, filwaqt li l-modalita' tal-access ghandu jigi stabbilit mill-Qorti; li jaqbel li ghandu jghati manteniment ghall-minuri, izda bil-kontribut ukoll tal-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati.

Rat li l-partijiet ma pprezentawx noti ta' sottomissjonijiet.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; inoltre qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort tat-separazzjoni unikament lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fit-12 ta' Settembru 1997, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla C li ghadha minuri.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici ssostni li minn mindu t-tifla tal-partijiet kellha sena u cjoe fl-2006, il-konvenut telaq mid-dar minhabba mara ohra li jisimha R D. Tghid li zewgha kien jaghmel sitt xhur jghix maghha u jerga lura d-dar ghal xi xahrejn meta kien jiggielled mal-habiba tieghu.

Tghid li l-konvenut kien vjolenti maghha, u kienet hafritlu diversi drabi, izda meta waslu fl-istadju ta' proceduri l-Qorti ghalhekk f'wahda mill-kawza l-konvent ammetta l-htija, u obbliga ruhhu b'garanzija li ma jimmolestax lill-attrici. L-attrici tirrakkonta kif okkazzjoni minnhom *"gie fis-sakra ma' habib tieghu, u t-tnejn raqdu d-dar fis-sodda matrimonjali. Jiena oggezzjonat u hu qalli li ahjar naghalaq halqi ghax jibda jkisser*"[1]. L-attrici tghid ukoll li l-konvenut "*kellu hajja sregolata minhabba xorb, dejn*"[2].

L-attrici tghid li fir-rigward ta' manteniment, zewgha jghaddilha Lm10 sporadikament u hija tahdem *full-time*.

*Verzjoni Konvenut*

Minn naha tieghu, il-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali bejnu u martu l-attrici kien minhabba R D. Huwa jichad li kien ghamel perijodi shah ma jorqodx id-dar, u spjega li meta ma kienx jorqod id-dar kien minhabba li kien ikun xoghol ta' bil-lejl u l-hwejjeg li kien jiehu mieghu kienu sabiex ibiddel meta jkun ix-xoghol.

Il-konvenut ammetta li kien obbliga ruhhu b'garanzija quddiem il-Qorti fis-6 ta' Novembru 2007 u li "*nigi mistoqsi illi minhabba l-post kien hemm okkazzjonijet fejn deherna u A hafritli. Nghid illi veru*". Il-konvenut jichad li kien hemm incidenti fejn wegget it-tifla minuri jew intlaqtet.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-verzjoni ta' l-attrici ssib korroborazzjoni f'xhieda ohra, dik moghtija mill-konvenut ma hi bl-ebda mod korroborata.

Illi fix-xhieda taghha, R D sosstni li ltaqet mal-konvenut fl-2005 u dawn kellhom relazzjoni ta' natura intima, tant li f' certu zmien fejn kien anke gieli jghix maghha. Din ix-xhud tghid "*l-attitudni tieghu ghajjat, tkissir, swat, dagha fuq dagha*"[3], hija tghid ukoll li l-konvenut kien isawwatgha "*darba minnhom tani daqqa ta' ponn...f'wicci, darba minnhom qabadni minn xaghri u tghidx kemm sabbatni*

[1] Vol. I fol. 23 tal-process.
[2] Vol. I. fol. 58 tal-process.
[3] Vol. I, fol. 142 tal-process.

*mal-karozza*”[4]. R D tghid li r-relazzjoni taghhom intemmet, ikkonfermat li kien hemm drabi li hija qalet lill-konvenut biex jitlaq u li kellu wkoll relazzjoni ma’ mara ohra li jisimha A u l-laqam taghha huwa Tal-Barun. Hija tghid li l-konvenut ipprova jkellem nisa ohra, u madwar sitt xhur qabilha kellu relazzjoni ma’ certu Bernice li kienet ilha ghaddejja madwar tlett snin.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrevokabbilment, tort esklussivament tal-konvenut minhabba adulterju u sevizzi fil-konfront ta’ l-attrici fit-termini ta’ l-artikolu 38, u l-eccessi fit-termini tal-artikolu 40.

Dan il-komportament abuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu jattira ex lege l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16, u dan b’ effett mill-1 ta’ Jannar 2006.

**Kura u Kustodja**
Illi permezz ta’ digriet datat 24 ta’ Settembru 2009[5] dina l-Qorti ordnat li “hadd mill-partijiet m’ghandu jesponi lill-minuri ghall-prezenza ta’ ‘terzi persuni’; li t-tifla torqod barra mid-dar biss bil-kunsens espress taz-zewg genituri; u li l-access tal-missier ikun darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba u gurnata fil-weekend Sibt/Hadd b’mod alternat mid-9.30am sas-6.30pm”.

Fil-11 ta’ Frar 2011 l-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea pprezentat ir-rapport taghha fejn dwar il-minuri hija tghid li “*jidher li C ghandha relazzjoni tajba hafna kemm ma’ ommha kif ukoll ma’ missiera. Pero hija m’ghandhiex pjacir bil-prezenza ta’ terzi persuni meta tkun mal-genituri taghha, meta dawn il-persuni ikunu xi hbieb tas-sess oppost tal-genituri taghha*”. Dr Galea waslet ghall-konkluzjomijiet taghha li “*in kunsiderazzjoni tax-xewqat u l-ahjar interessi ta’ C... t-tifla ghandha tibqa` tghix ma’ ommha filaqt li missiera ghandu jkollu access regolari u*

[4] Vol. I. fol. 143 tal-process.
[5] Vol. I, fol. 103 tal-process.

*ta'[ spiss ghal bintu. Pero jkun ahjar ghat-tifla jekk matul il-hin ta' l-access ma jkunx hemm il-prezenza ta' hbieb tas-sess oppost ta' Mr. B*"[6].

Ghalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li fl-interess tal-minuri, li l-kura u l-kustodja tal-minuri C tigi fdata f'idejn l-attrici, filwaqt li tikkonferma li l-access ghandu jkun kif stabbilit fl-imsemmi digriet tal-24 ta' Settembru 2009.

**Manteniment**

Illi fir-rigward tal-manteniment bejn il-konjugi jidher li l-partijiet it-tnejn jahdmu u mhux qed jivvantaw pretensjonijiet ta' manteniment ghalihom. Inoltre, anke l-attrici fin-nota guramentata taghha tghid "*manteniment ghalija mhux qed jippretendi ghaliex qed nahdem full-time job bhallissa*"[7]. Izda fil-konfront tal-konvenut, huwa ddekada mid-dritt li jitlob u jircievi manteniment u dan minhabba li huwa hati ta' adulterju u eccessi fil-konfront ta' l-attrici.

Illi fir-rigward tal-manteniment ghall-minuri, il-Qorti, wara ezami tac-cirkostanzi relattivi, tordna li l-konvenut ghandu jivversa lill-attrici s-somma ta' mitejn ewro [€200] kull xahar bil-quddiem liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tieghu, u li dan l-ammont ikun rivedut kull sena skond l-indici ufficjali mahrug mill-Gvern dwar l-gholi tal-hajja. L-ispejjez relattivi ghas-sahha u ghall-edukazzjoni tal-minuri ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**Dar Matrimonjali**

L-inkwilinat tad-dar matrimonjali huwa parafernali tal-konvenut, izda ttiehdet meta l-partijiet kienu gharajjes bl-iskop li tkun id-dar konjugali taghhom.

Is-sitwazzjoni prezenti fir-rigward hijha li sid il-post R V mhux qed taccetta kera u l-attrici qeghda tiddepozita dina l-kera l-Qorti. F'dan ir-rigward hemm kawza pendenti. Il-

[6] Vol. I, fol. 121 tal-process.
[7] Vol. I, fol. 59 tal-process.

kera hija ta’ Lm100 kull sitt xhur kif jirrizulta mill-ftehim li jinsab a fols. 183 u 184 tal-process.

Illi tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni personali tirrisjedi unikament fuq il-konvenut, u anke tenut tac-cirkostanzi li taw lok ghas-separazzjoni, kif ukoll tenut kont tal-fatt lil d-dar inkriet sabiex isservi bhala d-dar konjugali tal-partijiet meta dawn kienu gharajjes, il-Qorti b’ applikazzjoni tal-Artikolu 55A tal-Kap.16 tawtorizza lill-attrici tkompli tirrisjedi f’ din id-dar mat-tifla tal-partijiet, bl-eskluzjoni tal-konvenut, u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li terzi jista’ jkollhom fuq

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
*Likwidazzjoni*
Din tikkonsisti fis-segwenti:

[1] **Ghamara** li hemm fid-dar matrimonjali- f’ dan ir-rigward il-provi huma skarsi, u jirrizulta biss li t-television u l-washing-machine huma parafernali ta’ l-attrici

[3] **Vetturi** – fir-rigward il-provi huma skarsi u konfuzjonali, u jirrizulta sodisfacentement provat biss il-fatt li l-partijiet qed juzaw karrozza kull wiehed;

[4] **Kontijiet Bankarji**;

[5] **Dejn** mal-Bank HSBC;

*Assenjazzjoni*

[1] Illi l-ghamara ezistenti fid-dar matrimonjali, salv ghall-oggetti fuq indikati, u salv ghall-ghamara ezistenti fil-kamra tat-tifla, ghandha tigi valutata fl-istat li hi llum, u jew tinqasam bejn il-partijiet ugwalment, jew parti takkwista l-intier taghha billi thallas lill-parti l-ohra nofs il-valur;  fil-kaz li l-partijiet ma jaqblux fuq il-valur, il-Qorti minn issa, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, tinnomina bhala espert lil Peter Bonello biex jaghmel stima tal-ghamara, u fil-kaz li l-partijiet ma jifthemux fuq il-qsim, tinbigh bis-subbasta fi zmien xaharejn mid-data tal-istima.

[2] Illi dwar il-vetturi tordna li kull parti zzomm il-vettura li llum hija fil-pussess taghha;

[3] Illi kull parti qed tigi assenjata l-kontenut tal-kontijiet bankarji li jinsabu fuq isimhom illum, filwaqt dawk li jinsabu f'kontijiet *joint* ghandhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

[4] Id-dejn mal-Bank ghandu jigi mhallas miz-zewg partijiet f'sehem ugwali.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut skond l-Art. 38 u 40 tal-Kap 16;

[2] tilqa' t-tieni talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett mit-1 ta' Jannar 2006, u li din tigi likwidata u assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[3] tilqa' t-tielet talba, kif fuq indikat fis-sezzjoni ntestata 'Dar Matrimonjali';

[4] tichad ir-raba talba;

[5] tilqa' l-hames talba, fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[6] tilqa' s-sitt talba fit-termini u kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestasta 'Manteniment';

[7] tilqa' is-seba' talba limitatament ghall-konvenut;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------